# AVVIŻI

1. Infakkru lil kulħadd li is-SITT ktieb, bl-Ingliż, fis-serie "Twaqqif ta' Titular Ġdid" jinsab għall-bejgħ. tistgħu takkwistawh mill-Girgenti waqt xi laqgħa ta' talb jew billi tiktbu lis-Segretarja:
   **Dr. S. Spiteri, LL. D,**
   **16, St. James Str.,**
   **Siġġiewi**
   jew lill-Editur ta' dan il-fuljett
   **Bro. Victor Privitera, F.S.C., B. A.,**
   **Stella Maris College**
   **Gżira.**

2. Il-Laqgħat ta' talb li jmiss se jsiru kif ġej:
   Fil-4 u fit-8 ta' Ottubru 1998 fil-5.30 p.m.
   Fl-1 u fil-15 ta' Novembru 1998 fit-3.30 p.m.
   Fis-6 u fl-20 ta' Diċembru 1998 fit-3.00 p.m.
   Fit-3 u fis-17 ta' Jannar 1999 fit-3.00 p.m.

3. Nixtiequ li dawk li jaqilgħu grazzji mingħand il-Madonna kemm direttament u kemm bl'interċessjoni ta' Ġuża Mifsud jagħmlu daqsxejn ta' rapport fuq il-grazzja li jkunu qalgħu u fejn jeħtieġ iġibu ċ-ċertifikat tal-fejqan mingħand it-tabib (mhux kif sar il-fejqan). Agħtu isimkom, l-indirizz, in-numru tat-telefon, u d-data tal-fejqan, jew grazzji oħra, u agħtu kull informazzjoni li tistgħu, jew lis-Segretarja jew lill-Editur jew lil xi membru ieħor tal-Kumitat.
4. Min jaf xi ġrajja jew xi tagħrif speċjali fuq Ġuża Mifsud hu mitlub jagħmel kuntatt magħna, tal-Kumitat.
5. Il-Kumitat jinsisti li dawk kollha li jżuru 'l Madonna fil-girgenti, jiftakru li dak il-post hu POST TA' TALB – post fejn għandna nirrispettaw il-preżenza tal-Madonna. **tpaċpiċ żejjed ma jgħinx id-devozzjoni!**

**DIJKARAZZJONI: Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieħ mill-Awtorità tal-Knisja.**

Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 36 OTTUBRU 1998 JITQASSAM BLA ĦLAS



Il-Girgenti, Post ta' Talb għal-Kulħadd

## IL-PELLEGRINAĠĠI TAL-GIRGENTI
### Stqarrija tal-Kumitat

Peress li kuljum ħafna nies bdew imorru jżuru lill-Madonna fil-Girgenti u numru kbir ta' Pellegrinaġġi, dan l-aħħar, ġew organiżżati minn nies privati, il-Kumitat ħass li kellu jagħmel stqarrija biex ħadd ma jkun jista' joħloq xi dell ikreħ fuq il-Kumitat u l-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Din l-istqarrija ġiet mibgħuta lill-mezzi kollha tax-xandir: gazzetti, radio, u televiżjoni. Imma mhux kollha ppubblikawha.

L-Istqarrija:

Il-Kumitat "Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni' jiddikjara li hu ma jassumi ebda responsabiltà għall-pellegrinaġġi jew laqgħat ta' talb li qed jiġu organizzati b'mod privat minn diversi individwi quddiem l-istatwa tal-Madonna fil-girgenti. Il-Kumitat huwa biss responsabbli għal-laqgħat li sa mis-snin tmenin ilhom jiġu organiżżati kull l-ewwel u t-tielet Ħadd tax-xahar.

Madankollu jżid li l-post fejn isiru l-laqgħat huwa aċċessibbli għat-talb għal kulħadd u f'kull ħin kif dejjem kien sa mill-1986.

Filwaqt li l-Kumitat jikkonferma li sehh dak li Ġuża Mifsud qalet ma xi individwi fil-privat, li l-gvern preċedenti kellu jispiċċa fi żmien sentejn, huwa jiddeplora kull assoċjazzjoni politika li l-ġrajjiet tal-Girgenti qed jingħataw kemm fil-ġurnali kif ukoll fil-media l-oħra. Il-Kumitat jishaq li l-għan ewlieni tal-Moviment huwa li tinxtered id-devozzjoni lejn il-Madonna u li jkun hemm talb għal paċi f'Malta u fid-Dinja.

*Sylvana Spiteri*
SEGRETARJA
11.9.98.

**Note ta' l-Editur:**

Ftit wara l-mewt ta' Ġuża Mifsud, li saret fit-28 ta' Ottubru 1996, meta tela' l-Gvern Laurista, bdiet tiġri x-xniegħa li dak il-Gvern ma kienx se jdum aktar minn sentejn. Għalhekk il-Kumitat tal-Moviment tagħna ħareġ stqarrija li dehret fil-*Leħen il-Girgenti* ta' Jannar 1997, No. 29, fejn ċaħad li Ġuża qatt għamlet xi previżjoni dwar il-futur politiku ta' Malta. Infatti Ġuża qatt ma għarrfet lill-Kumitat jew semmiet affarijiet bħal dawn pubblikament.

Imma wara xi żmien, il-Kumitat sar jaf li xi individwi li, privatament, Ġuża kienet għarrfithom x'se jsir fil-futur. Dan it-tagħrif ingħata lilhom bosta snin qabel, saħansitra fi żmien il-Prim Ministru Karmenu Mifsud Bonniċi. Għalhekk, fl-istqarrija tiegħu ta' issa, il-Kumitat ikkonferma li seħħ dak li kienet qalet Ġuża lil dawn l-individwi. Dan qed ngħiduh biex kollox ikun ċar.



# Siltiet mid-Diskors ta' Ġuża Mifsud fil-Laqgħat tal-Girgenti

**N.B.:** Matul il-laqgħat qegħdin jinqraw siltiet minn fuq il-kotba bl-isem "*It-Twaqqif ta' titular Ġdid*". Hawnhekk ġew riprodotti parti minn dawn is-siltiet. Għal aktar dettal wieħed jista' jikkonsulta l-kotba (nri. 1 sa 7) li jistgħu jinkisbu mill-Girgenti waqt il-laqgħat jew billi tikkuntattjaw lil S. Spiteri c/o 16, St. James Street, Siġġiewi.

**ĠUNJU**

*"L-Ewkaristija trid illi aħna nkunu ħafna nies tajba, ħafna nies li l-providenza t'alla tinqeda bina biex inwasslu anka lil ħaddieħor din id-devozzjoni hekk kbira, u m'hux kif jagħmlu ħafna minn ħutna Maltin u Għawdxin li lanqas jagħtu kas ta' Ġesù ta' l-Ewkaristija....*

Il-Madonna trid illi: "Meta nidħlu fil-knisja ma jkunx hemm dak it-tpaċpiċ quddiem Ġesù li jkun qiegħed jarana u jismagħna, għandna nġibu quddiem għajnejna li fit-tabernaklu hemm Ġesù ħaj f'dik l-Ostja mqaddsa u divina.' Trid il-Madonna li meta nkunu għaddejjin qrib xi artal nagħmlu ġenoflessjoni lil Ġesù li qiegħed b'tant imħabba fit-tabernakli tagħna tal-gżejjer żgħar tagħna ta' Malta u Għawdex, meqjum għal imħabbitna. Trid il-Madonna illi ma għandniex nirċievu lil Ġesù ta' l-Ewkaristija meta nkunu mtebbgħin b'xi dnub Alla jħares qatt mejjet, u anka venjal. Kemm jista' jkun nitbegħdu minnhom anka d-dnubiet żgħar u venjali, għaliex il-Madonna qaltli li Ġesù ta' l-Ewkaristija meta jidħol f'dik ir-ruħ, jixtieq illi jsibha ġnien sabiħ imgħammar b'ħafna affarijiet spiritwali u tajba....

Trid il-Madonna illi f'dan ix-xahar ta' Ġunju u x-xhur l-oħra ta' wara x-xahar ta' Ġunju li niftakru fil-Qalb imqaddsa, fil-Qalb illi kienet tant imnikkta fuq is-salib illi ħadet dik il-passjoni u l-mewt hekk kiefra għall-umanità, għall-bnedmin tad-dinja kollha. Napprezzawha din l-imħabba ta' Kristu l-feddej tagħna. L-Ewkaristija m'għandniex nirċevuha biss kull tmint ijiem jew fix-xahar ta' Ġunju, imma nkunu ħafna u ħafna kuraġġużi biex jekk jista' jkun lil Ġesù ta' l-Ewkaristija ... nirċevuh fix-xhur kollha tas-sena.

Il-Madonna trid illi nkunu nies Ewkaristiċi, li nirċievu l-Ewkaristija (bit-tqarbina tax-xewqa) kull ħin u kull mument biex fina tispikka dik l-imħabba vera li jrid minna l-Mulej permezz ta' Ibnu Ġesù Kristu, illi bagħatu fid-dinja għall-imħabba tagħna. ...

Kollox għandna nippreżentaw lill-Mulej minn filgħodu u ngħidu dik it-talba li tant iħobb il-Mulej u Ġesù ta' l-Ewkaristija u li l-Madonna qaltli biex ngħidha: O Qalb imqaddsa ta' Ġesù, kullma nitlob, kullma nixtieq, kullma nagħmel, kullma nġarrab, kullma biħsiebu jgħaddi mingħalija llum u dejjem, noffri kollox għall-akbar glorja t'Alla, ta' Ġesù, ta' l-Ispirtu s-Santu Alla, tal-Madonna, ta' San Ġużepp u tas-sema. Jekk ma nafux ngħidu hekk filgħodu kif inqumu, imqar nagħtu l-qima b'dak ir-radd tas-salib fl-isem il-Mulej, fl-isem ta' Ġesù u l-Ispirtu s-Santu...".

**LULJU 1998**

"L-għażiża Ommi Marija Santissima tal-Konsagrazzjoni qaltli: "Binti, issa li wasal ix-

xahar imqaddes minn tiegħi, ix-xahar ta' Lulju, ix-xahar illi jiena tant inħobb … għidilhom lil hutek illi bħala nies kattoliċi nsara," ma għandniex inħarsu fil-ħażin tal-lbies ta' dawn il-barranin li jiġu fostna, it-turisti, imma għandna nħarsu lejn it-twemmin tal-Knisja Kattolika...."

Hija qaltli: "L-aħħar li tlajt inti tkellimt ħafna fuq id-dagħa u fuq il-kliem ikraħ u fuq l-Ewkaristija. Kien hemm ħafna nies li ġiebu ruħhom sewwa u tajjeb, u flok li forsi kienu jidgħu għoxrin qegħdin jidgħu għaxra jew jidgħu ħamsa, naqqsu, u jekk Alla jrid il-Mulej jagħtikom glorja kbira f'Malta illi dan il-vizzju tant hu misħut u ikraħ tad-dagħa jispiċċa għal kollox."

Il-Madonna qaltli: "F'dan ix-xahar ta' Lulju tal-Madonna tal_karmnu min jista' dejjem iżomm fuqu kuruna tar-rużarju.… Ir-rużarju għandu jingħad kuljum qalb il-familji u jingħad bid-devozzjoni. Jiena mis-sema inbierek b'mod speċjali lil dawn il-familji, inbirikom lil dawn il-familji u qegħda nbierek l-art tagħkom anka minħabba dik ir-rieda tajba li hawn fost il-Maltin u l-Għawdxin.... Itolbu għal dawk in-nies li għadhom jinsabu 'il bogħod minn Alla biex jiġu fil-merħla ta' Alla, għax bħalma għedtilhom inti, il-passjoni Kristu ma hadhiex għall-Papa u għall-Isqof u għas-sorijiet u għas-saċerdoti biss, Kristu ħa l-passjoni għal kulħadd u dawn l-erwieħ li huma 'l bogħod mill-Mulej għandhom bżonn jiġu qrib il-Mulej, biex il-Mulej ibierek lil artkom ta' Malta u Għawdex u jbierek il-bqija tad-dinja. Kif għidtlek, itolbu għall-Italja, għall-Amerka, għar-Russja, għidu dik it-talba li inti għedtilhom: 'Alla tiegħi, jiena nemmen fik, nadura, nittama u nħobb lilek, nitolbok maħfra għal dawk kollha li ma jemmnux, ma jadurawx, ma jittamawx, ma jħobbux u ma jservux lilek'."

U jaħasra għaliex imbagħad insibu nies li anka fl-art żgħira tagħkom jibdew jgħidu 'u aħna dan Alla qatt ma rajnieh, u dan Alla fejn hu?' U dan mhux kulħadd jista' jaraħ 'l Alla fejn hu! fis-sema qiegħed Alla, f'dik il-Belt ċelesti li tarawha filgħodu kif tqumu, dawk il-kwiekeb, dak il-qamar, il-ħin tas-Sajf il-Mulej jibgħat iż-żerniq tax-xemx, fi żmien ix-xitwa il-Mulej iqarrab il-ħsejjes tar-ragħad, sajjetti, xita u maltemp u j'Alla dan il-maltemp jibqa' sejjer bil-kwiet u ma jġibx inkwiet, għaliex il-Mulej jista' anka, tisimgħu fuq barra kif isiru dawk id-diżgrazzji, ifuru x-xmajjar, dak il-kwantità ta' silġ, ħafna silġ, ħafna valangi jinqalgħu b'dak il-maltemp li jagħmel, dak għax il-Mulej ikun hemm xi ħaġa u l-Mulej per eż., jisgħobbih ħafna għal ħafna affarijiet.

Binti, semmiha ħafna din il-biċċa tax-xogħol illi qegħda ssir ma' kullimkien, anka fl-art żgħira tagħkom, jaħasra ħafna tfal innoċenti li l-Mulej ikun ħa jibgħat lill-ġenituri tagħhom, dawna jinqatlu fi żmien ġranet, ġimgħat jew ftit xhur. Binti, dan l-abort, il-Mulej tant qed jisgħobbih minħabba dan il-qtil ta' ħafna tfal innoċenti. Isħaq u għidilhom li l-Mulej ma jridux l-abort. Il-Mulej ma jridux dan il-qtil bl-addoċċ ta' nies innoċenti kif qed isir f'ħafna postijiet. Fejn hemm il-gwerer kulħadd bl-addoċċ jinqatel jaħasra, mingħajr ħtija. Dak niżel 'l hemm, dak l-ajruplan sploda 'l hemm, dak b'vendikazzjoni.... Dana għaliex din il-mibegħda?...

Jiena għedtlek ix-xhur illi ninżel nagħmel dawra fil-Purgatorju u dawk illi japprezzawni fir-rużarju, jiena nqarrbilhom ħafna, navviċinahom ħafna lejn il-Ġenna.... Issa li qorbu dawn ix-xhur ta' Lulju, ta' Awissu, ta' Settembru, jiena ninżel fil-Purgatorju, u jekk ikun hemm xi erwieħ safja jaqbdu mal-libsa divina tiegħi u ntellagħhom fejn il-Mulej...."



# GRAZZJI MAQLUGĦA

Fejqan ta' John Parnis u martu Maria, minn B'Bugia. John kellu blockage serju f'imnieħru xi tliet snin ilu. Għalhekk kien għamel operazzjoni permezz ta' Dr. Soler. Imma xorta baqa' jbati ħafna minn imnieħru. Fi Frar 1997, mar għand l-ispeċjalista Dr. Charles Borg l-isptar San Luqa, li għamillu ċertifikat li kien ibati minn allerġija qawwija, kif jidher f'dan iċ-ċertifikat.


SPTAR SAN LUQA
G'MANGIA

ST LUKE'S HOSPITAL
G'MANGIA

Our Ref. ..................

Your Ref. ..................

Tel: 241251/247860
234101
DDI: 2595 + Ext No.

25/2/97

To whom it may concern
This is to certify that
John Parnis suffers from
severe allergic rhinitis,
and should avoid dusty
atmospheres or wear a
protective mask.

Dr. CHARLES BORG M.D. D. Spec. - O.R.L.
Department of Otolaryngology
SEGRETARJU PARLAMENTARI GĦAS-SAĦĦA
PARLIAMENTARY SECRETARY FOR HEALTH

DH 75 (i)

Marija kellha ġerħa fuq moħħha innaħa ta' fuq u kienet tmur l-isptar Boffa biex iddewwiha taħt il-kura tal-Professur Pace.

## IL-FEJQAN

John u Marija marru l-Girgenti għall-ewwel darba biex jieħdu sehem fil-pellegrinaġġ ta' Mejju 1998. Wara li talbu bil-qalb lill-Madonna għall-fejqan tagħhom, ħadu mill-ilma mbierek mill-Madonna, bit-tama li Hija tagħmel magħhom dak li t-tobba ma setgħux jagħmlu.

Meta John u Marija ġew għal-laqgħa ta' talb li kien imiss, it-tnejn, b'ferħ kbir, irrappurtaw il-fejqan sħiħ tagħhom. John ma kellux aktar inkwiet f'imnieħru, u l-ġerħa ta' Marija kienet għebet għal kollox.

It-tnejn, illum, jattendu l-laqgħat ta' talb il-Girgenti, bħala ringrazzjament ta' dak li l-Madonna għamlet magħhom. Il-fejqan tagħhom iqisuh xejn inqas minn miraklu.

## MARIO ATTARD MINN S. ĠWANN

Fl-20 ta' Lulju 1998, 10.45 a.m., kien qed isuq il-mutur f'Naxxar Road meta karrozza ġejja minn Conception Str., baqgħet dieħla dritt fuqu. Għalkemm hu tar minn fuq il-mutur, ma sofriex ġrieħi. Ta' dan hu jirringrazzja lill-Madonna għall-ħarsien li tagħtu. Mario hu devot tar-Rużarju u jattendi il-Laqgħat ta' talb tal-girgenti.

## MRS. A. XUEREB MINN VITTORIOSA

Mrs. Xuereb, f'ittra li kitbitilna, tistqarr li għandha fiduċja kbira fl-interċessjoni ta' Ġuża Mifsud; għax meta tgħidilha tidħol għaliha quddiem Alla, dejjem taqla' dak li jkollha bżonn. Hekk ġara meta hija u t-tifla tagħha kellhom uġigħ f'saqajhom u wara li talbu, l-uġigħ għaddielhom għal kollox.

Mrs. Xuereb xtaqet ikollha santi ta' Ġuża Mifsud.

## MRS. M. MIZZI MINN ĦAL LUQA

F'ittra li kitbet fit-28 ta' Novembru 1997, tgħid hekk: "Jien għandi tlett itfal u jien għaddejt minn esperjenza tal-Madonna tal-Girgenti għax f'Novembru tal-1996 jiena ma stajtx nimxi u għamilt tliet xhur fis-sodda.

Imbagħad, qisu xi ħadd qalli biex immur ħdejn il-Madonna tal-Girgenti. Jiena mort u tlabtha u dik il-ġimgħa ma mortx għall-massaġġi u safrantant għaddieli kollox.

Bit-talb tal-Madonna jiena fiqt.

## C. DEBATTISTA MINN B'BUĠIA

F'ittra li kitbet fl-1 ta' Frar 1998, tgħid hekk: "Qiegħda nikteb biex ninfurmakom li xi xahrejn ilu kelli ħabiba tiegħi tbati minn uġigħ f'widnejha.

Meta kellmet speċjalista dana qalilha li jekk l-uġigħ ikompli ikollha bżonn ta' operazzjoni żgur. Jien tlabt ħafna għaliha biex jekk inhi r-rieda t'Alla, bl-interċessjoni ta' Ġuża Mifsud tfiq mingħajr operazzjoni. Xi ġranet wara, qaltli li tinsab tajba ħafna u li l-uġigħ marilha għal kollox."

## JOSEPHINE SCAVONE MINN B'BUGIA

Josephine bagħtet ittra twila taħt forma ta' poeżija fejn semmiet xi grazzji li qalgħet mingħand il-Madonna bl-interċessjoni ta' Ġuża Mifsud.

L-ewwel grazzja kienet meta kisret idha u waħħluhielha ħażin. Talbet lill-Madonna biex tfejqilha ida u offritilha l-wirt minn ta' żewġha għall-bini tal-kappella, il-Girgenti.

It-tieni waħda kienet meta hi kissret kikkra tal-*pyrex* u biċċa ħġieġa daħlitilha f'sieqha. Hi kienet tħossha imma l-klinik ma setgħux isibuha. Għal sentejn sħaħ ma setgħetx tilbes żarbun u kellha toqgħod bil-papoċċ id-dar. Marret il-Mellieħa għand oħtha li tatha *cushion* tal-kallijiet, tond b'toqba fin-nofs, biex tpoġġieħ fejn kienet tħoss il-ħġieġa; u hekk għamlet. Talbet lill-Madonna, bl-interċessjoni ta' Ġuża Mifsud u poġġiet ftit ilma minn tal-Girgenti fit-toqba tal-cushion. Għall-ħabta ta' nofs il-lejl ħasset xi ħaġa miexja fejn kellha l-ħġieġa. B'subgħajha setgħet tħoss il-ħġieġa ħierġa. Qajmet lil oħtha u din ukoll ħasset l-istess. Minn dakinhar ma ħassithiex il-ħġieġa aktar u setgħet tilbes iż-żraben li kellha.

It-tielet grazzja kienet meta mingħajr ma kienet tistennieha, il-Madonna sabitilha post ma' familja fejn tant tħobbha u jagħmlu minn kollox biex jarawha kuntenta.

Fl-aħħar, Josephine, tħeġġeġ lil kulħadd biex dejjem jitolbu lill-Madonna bl-interċessjoni ta' Ġuża Mifsud. (Ma ppubblikajniex dawn il-grazzji taħt forma ta' poeżija imħabba nuqqas ta' spazju. – L-Editur).

## N.N. FIS-6 TA' SETTEMBRU BAGĦTILNA DIN IN-NOTA.

"Ħawn Lm5 għall-bżonnijiet ta' fuq, bħala ringrazzjament tal-grazzja li qlajt, bl-interċessjoni ta' Ġuża Mifsud. Grazzi Madonna! Ibqa' idħol għalina u għas-salvazzjoni ta' Malta."

## AMY YEOMANS MINN B'KARA

F'ittra twila u sabiħa, Amy irrakkuntat kif fieqet għal kollox minn marda msejħa "*lazy bladder*", xi għaxar snin ilu; u dan l-aħħar minn nefħa ta' sieqha x-xellugija.

Hi kitbet hekk: "Fil-laqgħa tal-Ħadd, 2 ta' Awissu, 1998, ġejt għal-Laqgħa ta' Talb bħas-soltu; kelli riġlejja mill-irkobba 'l isfel minfuħa, speċjalment is-sieq u s-swaba, li kienu qishom bużżieqa. Kont inħossha tqila fil-mixi u kont inweġġa' ftit meta ninżel it-taraġ. Kemm-il darba kont sejra għand it-tabib, imma ma mortx. Dakinhar tal-laqgħa qgħadt bil-qiegħda ħdejn il-ħawt tal-ilma, inżajt iż-żarbun u roxxejt l-ilma fuq sieqi, waqt li kultant kont inħares lejn il-Madonna u anke għedt xi talba f'qalbi. Kont naħseb li s-Sinjura tal-Ħajja tista' tfejjaqni.

Mort id-dar u sieqi qisha baqgħet l-istess għal xi tlett ijiem. Wara kont erġajt se mmur għand it-tabib imma f'qalbi kelli tama fil-Madonna. Wara xi ħamest ijiem donna bdiet iċċedi. Bdiet tinżel ftit ftit sakemm wasal is-6 ta' Settembru 1998 (jum il-laqgħa ta' talb) u sieqi ġiet perfetta."

Amy tgħid li Alla, ħadd ma jista' jifhmu. Huwa jaf kif ifejjaq. Fejqan minnu jista' wkoll isir bilmod; kollox skond ir-rieda Tiegħu.

Fl-aħħar ta' l-ittra Amy qalet hekk: "Hemm fuq, f'dik l-ispeċi ta' knisja, tal-Madonna tal-Girgenti, tħoss paċi, ferħ mhux ta' din id-dinja; u s-slaleb li tiġi bihom hemm fuq ma tħosshomx. Ġuża Mifsud issa qed tgawdi 'l Alla. Kienet bniedma magħżula minn Alla bħala strument. Fi kliemha hemm serjetà, imħabba għall-proxxmu kbira, umiltà, paċi lil kulħadd, għerf tal-Mulej, tal-Ispirtu s-Santu".

## MA' DAWN IL-GRAZZJI INŻIDU DAN IL-FATT

Dan ir-rapport sar minn Carmen Garcia. Carmen kienet marret pellegrinaġġ ma' Karismatiċi oħra, iżuru Ruma u San Giovanni Rotondo ta' Padre Pio. Mal-grupp tagħha kien hemm żagħżugħ, jismu Mario Scott, tal-istess grupp Karismatiku. Carmen offrietlu labtu tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Allura Mario spjegalha kif sar jaf lil Ġuża Mifsud, u qalilha li kien mar il-Girgenti u kien ipparkja l-mutur ħdejn it-taraġ fejn hemm l-istatwa ta' San Ġużepp.

Ġiet Ġuża, qabdet il-crash-helmet u libsitu, u qalet: "Kemm hu sabiħ dan il-mutur! ... Ta' min hu?" Mario qalilha li tiegħu. Ġuża ħarset lejh u qaltlu: "Int, ħa tagħmel il-ġid". U dan seħħ; għax Mario mar mas-Sorijiet ta' Madre Tereża, Napli, tliet darbiet; sar iħobb igħin fejn jista', lil min hu fil-bżonn. Dana seħħ wara li kien iltaqa' ma' Ġuża il-Girgenti.